*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

*Parti oħra fil-proċedura quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI:* Allergan, Inc. (Irvine, California, l-Istati Uniti)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-2 ta' Frar 2009 (Każ R 60/2008-4), dwar il-proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Allergan Inc. et Farmeco AE Dermokallyntika.

### Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Farmeco AE Dermokallyntika hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

[1] ĠU C 129, 06.06.2009.

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Ottubru 2010 — Michalakopoulou Ktimatiki Touristiki vs UASI — Free (FREE)

**(Kawża T-365/09)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali FREE — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti FREE u trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti free LA LIBERTÉ N'A PAS DE PRIX — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")***

(2010/C 346/81)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Michalakopoulou Ktimatiki Touristiki AE (Ateni, il-Greċja) (rappreżentanti: K. Papadiamantis u A. Koliothomas, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

*Parti oħra fil-proċedura quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Free SAS (Pariġi, Franza) (rappreżentant: Y. Coursin, avukat)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tal-11 ta' Ġunju 2009 (Każ R 1346/2008-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Free SAS u Eidikes Ekdoseis AE.

### Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Michalakopoulou Ktimatiki Touristiki AE għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) u minn Free SAS matul il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.*

---

[1] ĠU C 267, 07.11.2009.

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Ottubru 2010 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-32/09 P)** [1]

***("Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Proċedura prekontenzjuża — Appell manifestament infondat — Appell inċidentali limitat għall-ispejjeż")***

(2010/C 346/82)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### Partijiet

*Appellant:* Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

*Appellata:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u C. Berardis-Kayser, aġenti, assistiti minn A. dal Ferro, avukat)

### Suġġett

Appell mid-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla), tal-4 ta' Novembru 2008, Marcuccio vs Il-Kummissjoni (F-18/07, mhux ippubblikat fil-Ġabra), intiż għall-annullament ta' dan id-digriet.

### Dispożittiv

(1) *L-appell huwa miċħud bħala manifestament infondat.*

(2) *L-appell inċidentali huma miċħud bħala manifestament inammissibbli.*

(3) *Luigi Marcuccio huma kkundannat, minbarra għall-ispejjeż tiegħu, għall-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-appell.*

(4) *Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha fil-kuntest tal-appell inċidentali.*

---

[1] ĠU C 69, 21.3.2009.

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Ottubru 2010 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-515/09 P)** [1]

***("Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Rifjut ta' istituzzjoni li tittraduċi deċiżjoni — Appell parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat")***

(2010/C 346/83)

*Lingwa tal-kawża: il-Taljan*

### Partijiet

*Appellant:* Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)